**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 4 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 569/2016 PM1**

**Hydroelectric Limited (C9039)**

**Vs**

**Sandro Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin euro u tmienja u tmenin centezmi (€638.88) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici (skont statement anness u mmarkat Dok. 'A') bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 t'Ottubru, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-2 t'Ottubru, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin euro u tmienja u tmenin centezmi (€638.88) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi mill-14 t'Ottubru, 2016, data tal-fattura mertu tal-kawza odjerna, kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**